MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Numru 257/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**THOMAS BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Thomas Bugeja, bin Vincent u Catherine nee’ Cuschieri, imwieled il-Mosta, nhar id-9 ta’ Frar, 1943, residenti fil-fond numru 29, Triq id-Disgha ta’ April, Mosta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 117543 (M);

Akkuzat talli nhar il-21 ta’ Jannar, 2006 ghall-habta tas-6.00am u s-7.00am, ikkommetta serq ta’ Lm100.00 (mitt lira maltin), mill-ATM tal-Bank of Valletta, li qieghed fi Triq

il-Kostituzzjoni, Mosta, liema serq hu aggravat bil-valur u dan ghad-dannu ta’ Antonio Schembri, mill-Mosta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Thomas Bugeja hati, ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------